Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/702

8.4.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/702**

**tas-17 ta’ Marzu 2025**

**li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tieħu sehem, f’isem l-Unjoni, fin-negozjati għal strument internazzjonali li jistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-gwerra ta’ aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata mwettqa mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, fl-14 ta’ Novembru 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) adottat ir-Riżoluzzjoni ES-11/5, intitolata “Furtherance of remedy and reparation for aggression against Ukraine”.

(2) Minbarra li tfakkar fl-obbligi tal-Istati kollha skont l-Artikolu 2 tal-Karta tan-NU, inkluż dak li jżommu lura fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom mit-theddida jew l-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta’ kwalunkwe Stat, l-Assemblea Ġenerali tan-NU esprimiet tħassib serju dwar it-telf ta’ ħajjiet, l-ispostament ċivili, il-qerda tal-infrastruttura u r-riżorsi naturali, it-telf ta’ proprjetà pubblika u privata, u l-kalamità ekonomika kkawżata mill-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.

(3) L-Assemblea Ġenerali tan-NU rrikonoxxiet li l-Federazzjoni Russa trid tinżamm responsabbli għal kwalunkwe ksur tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna jew kontriha. Barra minn hekk, hija saħqet li l-Federazzjoni Russa trid iġġarrab il-konsegwenzi legali tal-atti illegali kollha tagħha fuq livell internazzjonali, inkluż l-għoti ta’ kumpens għad-dannu, inkluż kwalunkwe dannu, ikkawżat minn tali atti.

(4) L-Assemblea Ġenerali tan-N U għarfet il-ħtieġa li jiġi stabbilit, f’kooperazzjoni mal-Ukrajna, mekkaniżmu internazzjonali għal riparazzjoni għal dannu, telf jew korriment, li jirriżultaw minn atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontra l-Ukrajna. Għal dak l-għan, hija rrakkomandat il-ħolqien ta’ reġistru internazzjonali tad-dannu biex iservi bħala rekord, f’forma dokumentarja, ta’ evidenza u informazzjoni dwar it-talbiet dwar id-dannu, it-telf jew il-korriment lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha kkonċernati, kif ukoll lill-Istat tal-Ukrajna, ikkawżati minn atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha, kif ukoll għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tal-ġbir tal-evidenza.

(5) Fit-12 ta’ Mejju 2023, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta r-Riżoluzzjoni CM/Res(2023)3 li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna (ir-“Reġistru”).

(6) Sabiex jitmexxew ’il quddiem l-isforzi ta’ responsabbiltà lejn l-istabbiliment ta’ mekkaniżmu internazzjonali għal riparazzjoni għal dannu, telf jew korriment li jirriżultaw minn atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontra l-Ukrajna, l-Istati li huma Parteċipanti jew Membri assoċjati taħt il-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru adottaw approċċ gradwali, li l-ewwel għażlu li jistabbilixxu r-Reġistru. Dan kellu jiġi segwit mill-elementi l-oħra tal-mekkaniżmu ta’ kumpens, jiġifieri kummissjoni għat-talbiet u fond ta’ kumpens. Dak l-approċċ ġie rifless fl-Istatut tar-Reġistru, fejn huwa rikonoxxut li r-Reġistru, inkluż il-pjattaforma diġitali tiegħu bid-data kollha dwar it-talbiet u l-evidenza rreġistrata fih, huwa maħsub biex jikkostitwixxi l-ewwel komponent ta’ mekkaniżmu internazzjonali futur ta’ kumpens li għandu jiġi stabbilit minn strument internazzjonali separat f’kooperazzjoni mal-Ukrajna u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali rilevanti.

(7) Wara li ngħaqdet mar-Reġistru bħala Membru Assoċjat fundatur fil-11 ta’ Mejju 2023 permezz ta’ notifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Unjoni biddlet l-istatus tagħha għal Parteċipant fir-Reġistru fit-22 ta’ Lulju 2024.

(8) Fid-29 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024/792 [1], li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, li fost l-oħrajn, ipprovdew il-bażi legali għall-finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna, bħal għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għar-Reġistru.

(9) Fl-2024, l-Uffiċċju tal-President tal-Ukrajna, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands u r-Reġistru stiednu lill-Istati li appoġġaw l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni A/RES/ES-11/5 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU għal laqgħat preparatorji dwar strument internazzjonali li jistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna. L-ewwel ċiklu ta' negozjati formali huwa mistenni li jseħħ f'Marzu 2025.

(10) Is-Segretarjat tar-Reġistru ħejja "abbozz żero" ta' strument internazzjonali li jistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna. L-"abbozz żero" jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-mandat, il-funzjoni, l-istatus legali, is-sede, is-sħubija u l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet, l-istruttura organizzattiva, il-finanzjament u l-baġit kif ukoll dwar il-proċedura għar-rieżami tat-talbiet, is-sħubija fil-Federazzjoni Russa, u t-trasferiment tal-ħidma tar-Reġistru.

(11) Minħabba l-interess tal-Unjoni li ttenni l-impenn sod tagħha li tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġġorr il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha fi jew kontra l-Ukrajna, inkluż l-obbligu li tagħmel riparazzjoni għal kwalunkwe dannu, telf jew dannu kkawżat minn dawk l-atti, huwa xieraq li l-Unjoni tipparteċipa fin-negozjati għal strument internazzjonali li jistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jinnegozjaw u jikkonkludu tali strument internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tieħu sehem, f'isem l-Unjoni, fin-negozjati għal strument internazzjonali li jistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna.

2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l- Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Kunsill tal-Ewropa (COSCE).

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-COSCE dwar il-passi meħuda skont din id-Deċiżjoni u għandha tikkonsultah fuq bażi regolari.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

*ANNESS 1*

**Direttivi għan-negozjati tal-istrument internazzjonali li jistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna**

Matul in-negozjati, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmira li tikseb l-għanijiet stabbiliti fid-dettall hawn taħt.

(1) L-għan tal-istrument internazzjonali li jistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna għandu jkun li joħloq il-bażi legali skont id-dritt internazzjonali għal korp amministrattiv biex jirrieżamina, jivvaluta u jiddeċiedi talbiet eliġibbli għal kumpens għal dannu, telf, jew korriment ikkawżat fit-territorju tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, li testendi għall-baħar territorjali tagħha kif ukoll fiż-żona ekonomika esklużiva u l-blata kontinentali tagħha għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha kkonċernati, kif ukoll l-Istat tal-Ukrajna, inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħha, l-entitajiet tal-Istat jew ikkontrollati mill-Istat, mill-atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha, inkluż l-aggressjoni tagħha bi ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll kwalunkwe ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(2) L-istrument internazzjonali għandu jiddefinixxi b'mod ċar l-ambitu territorjali u temporali tal-Kummissjoni għat-Talbiet.

(3) L-istrument internazzjonali għandu jipprovdi l-istatus legali u l-personalità ġuridika tal-Kummissjoni għat-Talbiet kif meħtieġ għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha u għat-twettiq tal-mandat tagħha.

(4) L-istrument internazzjonali għandu jispjega b'mod ċar u preċiż it-titoli ta' sħubija għall-Istati u l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni Reġjonali u l-modalitajiet tagħhom ta' parteċipazzjoni fl-istrument.

(5) L-istrument internazzjonali għandu jiddeskrivi b'mod ċar l-istruttura organizzattiva tal-Kummissjoni għat-Talbiet, b'mod partikolari, fir-rigward tal-istruttura ta' governanza u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tal-Istati u l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni Reġjonali.

(6) L-istrument internazzjonali għandu jispeċifika li, skont il-liġi internazzjonali, il-Federazzjoni Russa għandha tħallas l-ispejjeż tal-Kummissjoni għat-Talbiet. Hija għandha tispeċifika wkoll li, sakemm il-Federazzjoni Russa twettaq l-obbligu msemmi, il-Kummissjoni għat-Talbiet għandha tiġi ffinanzjata permezz tal-kontribuzzjonijiet annwali stmati tal-Membri tagħha u l-kontribuzzjonijiet volontarji, u li l-kontribuzzjonijiet tal-Membri għandhom ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Federazzjoni Russa.

(7) L-istrument internazzjonali għandu jistabbilixxi b'mod ċar il-modalitajiet tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali mill-Membri u r-regoli u l-proċeduri finanzjarji li jirregolaw il-Kummissjoni għat-Talbiet.

(8) L-istrument internazzjonali għandu jinkludi l-modalitajiet meħtieġa għal trasferiment bla xkiel u preċiż tax-xogħol tar-Reġistru tad-Danni, u jagħti dettalji dwar il-kontinwazzjoni possibbli tar-Reġistru fil-qafas tal-Kummissjoni għat-Talbiet.

(9) L-istrument internazzjonali għandu jipprevedi li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha dritt tal-vot ugwali għal dak ta' partijiet oħra; u li għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri tagħha li jkunu Membri tal-Kummissjoni għat-Talbiet, u irrispettivament minnhom.

(10) Il-proċedura għan-negozjati għandha tkun kif ġej:

   (a) In-negozjati għandhom jitħejjew sew bil-quddiem. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat speċjali maħtur f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, jiġifieri l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-Kunsill tal-Ewropa (COSCE) dwar l-iskeda antiċipata u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu nnegozjati, u taqsam l-informazzjoni rilevanti kmieni kemm jista' jkun.

   (b) Fejn meħtieġ, is-sessjonijiet ta' negozjar għandhom ikunu preċeduti minn laqgħa tal-COSCE sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin, jiġu fformulati opinjonijiet u tiġi pprovduta gwida, kif xieraq.

   (c) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-COSCE dwar l-eżitu tan-negozjati wara kull sessjoni ta' negozjar jew, meta jsiru għadd ta' negozjati b'mod parallel, wara serje ta' sessjonijiet ta' negozjati.

   (d) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-COSCE dwar kwalunkwe kwistjoni importanti li tista' tinqala' matul in-negozjati.

*ANNESS 2*

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA . . . . . 6

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva . . . . . 6

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) . . . . . 6

1.3. Għan(ijiet) . . . . . 6

1.3.1. Għan(ijiet) ġenerali . . . . . 6

1.3.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi . . . . . 6

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija . . . . . 6

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni . . . . . 6

1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': . . . . . 6

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva . . . . . 7

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva . . . . . 7

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. . . . . . 7

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi . . . . . 7

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra . . . . . 8

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni . . . . . 8

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha . . . . . 8

1.7. Metodu(i) tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) . . . . . 8

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI . . . . . 9

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar . . . . . 9

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll . . . . . 9

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta . . . . . 9

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom . . . . . 9

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) . . . . 9

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet . . . . . 10

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA . . . . . 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i . . . . . 10

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet . . . . . 10

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali . . . . . 10

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat . . . . . 11

3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali . . . . . 12

| | | |
|---|---|---|
| 3.2.3. | Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi | 13 |
| 3.2.3.1. | Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat | 13 |
| 3.2.4. | Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani | 13 |
| 3.2.4.1. | Iffinanzjati mill-baġit ivvutat | 13 |
| 3.2.5. | Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali | 14 |
| 3.2.6. | Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali | 15 |
| 3.2.7. | Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi | 15 |
| 3.3. | Impatt stmat fuq id-dħul | 15 |
| 4. | DIMENSJONIJIET DIĠITALI | 15 |
| 4.1. | Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali | 15 |
| 4.2. | Data | 16 |
| 4.3. | Soluzzjonijiet diġitali | 16 |
| 4.4. | Valutazzjoni tal-interoperabbiltà | 16 |
| 4.5. | Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali | 16 |

1. **QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. **Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati dwar il-ftehim internazzjonali li jistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna.

1.2. **Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Ġustizzja

Assistenza finanzjarja u teknika għal pajjiżi terzi

1.3. **Għan(ijiet)**

1.3.1. *Għan(ijiet) ġenerali*

Din il-proposta għandha l-għan ewlieni li tawtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-Unjoni, fin-negozjati tal-istrument internazzjonali dwar l-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Talbiet. L-istabbiliment ta' Kummissjoni għat-Talbiet ser ikollu rwol kritiku fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali għall-Ukrajna peress li jikkostitwixxi parti integrali minn mekkaniżmu ta' kumpens internazzjonali għall-vittmi tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.

1.3.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi*

1. Li fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta l-assitanza meħtieġa lill-Ukrajna biex tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġġorr il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha kontra l-Ukrajna inkluż l-obbligu li tagħmel riparazzjoni għal kwalunkwe dannu, telf jew korriment ikkawżat minn dawk l-atti.
2. Li jiġi rispettat l-Istatut tar-Reġistru tad-Danni — li fih l-UE hija Parteċipant — li jipprevedi li r-Reġistru, inkluż il-pjattaforma diġitali tiegħu bid-data kollha dwar il-pretensjonijiet u l-evidenza rreġistrata fih, huwa maħsub bħala l-ewwel komponent tal-mekkaniżmu ta' kumpens li għandu jiġi stabbilit minn strument internazzjonali separat f'kooperazzjoni mal-Ukrajna u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali rilevanti.
3. Li tiġi stabbilita l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet u li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiha.
4. Li jiġu mogħtija l-mezzi lill-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet biex tirrieżamina, tivvaluta u tiddeċiedi talbiet eliġibbli rreġistrati fir-Reġistru tad-Danni u tiddetermina l-ammont ta' kumpens dovut f'kull każ.

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet taħdem bħala korp ta' ġbir ta' informazzjoni u tirrieżamina, tivvaluta u tiddeċiedi t-talbiet eliġibbli rreġistrati fir-Reġistru u tiddetermina l-ammont ta' kumpens dovut f'kull każ.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

It-twaqqif tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet.

1.4. **Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

✠ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja [1]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

(1) Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Hemm bżonn żewġ rekwiżiti ewlenin li jistgħu meta tiġi implimentata din l-inizjattiva. L-ewwel wieħed, li japplika fuq medda qasira ta' żmien, huwa li formalment jiġi rċevut il-mandat għall-parteċipazzjoni għall-UE fil-proċess tan-negozjati dwar it-twaqqif tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet. It-tieni wieħed, li japplika fuq medda twila ta' żmien, jista' jiġi vvalutat biss ladarba l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet tkun kompletament operattiva. Ladarba dan ikun il-każ, l-effiċjenza ta' dan l-istrument tista' tiġi evalwata skont il-kapaċità tiegħu li jirrieżamina, jivvaluta u jiddetermina t-talbiet eliġibbli u jiddetermina l-ammont ta' kumpens dovut f'kull każ.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

L-Unjoni tenniet f'diversi okkażjonijiet l-impenn tagħha li tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġġorr il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha, inkluż l-obbligu li tagħmel kumpens għal kwalunkwe dannu kkawżat minn tali atti. Dan l-impenn jirrepeti b'mod partikolari s-sejħa li saret mir-riżoluzzjoni tal-2022 tal-Assemblea Ġenerali Nazzjonali Magħquda bit-titolu "Furtherance of remedy and reparation for aggression against Ukraine", li rrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu internazzjonali għar-riparazzjoni għal ħsara, telf jew korriment li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bi tweġiba għal din is-sejħa, fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta r-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-Istati adottaw approċċ gradwali, billi għażlu li jistabbilixxu r-Reġistru l-ewwel, li għandu jiġi segwit mill-elementi l-oħra tal-mekkaniżmu ta' kumpens, jiġifieri kummissjoni għat-talbiet u fond ta' kumpens. Dan l-approċċ ġie rifless fl-Istatut tar-Reġistru, fejn huwa rikonoxxut li r-Reġistru, inkluż il-pjattaforma diġitali tiegħu bid-data kollha dwar it-talbiet u l-evidenza rreġistrata fih, huwa maħsub bħala l-ewwel komponent tal-mekkaniżmu ta' kumpens li għandu jiġi stabbilit minn strument internazzjonali separat f'kooperazzjoni mal-Ukrajna u organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali rilevanti. Wara li inizjalment ingħaqdet mar-Reġistru tad-Danni bħala Membru Assoċjat fundatur fil-11 ta' Mejju 2023 permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-Unjoni, wara Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fit-22 ta' Lulju 2024, biddlet l-istatus tagħha għal Parteċipant sħiħ. Għalhekk, l-Unjoni tipparteċipa fir-rwol tagħha stess fir-Reġistru, flimkien mal-Istati Membri u flimkien magħhom (ħlief l-Ungerija). Tali parteċipazzjoni tippermetti lill-Unjoni żżomm mal-impenn tagħha li tappoġġa lill-Ukrajna u tikkontribwixxi għar-restawr ta' ordni legali internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Fl-istess ħin, tippermetti lill-Kummissjoni tikkoordina aħjar l-azzjonijiet tagħha relatati mar-riparazzjonijiet mal-Istati Membri, u b'hekk tiżgura li l-Unjoni tkun tista' titkellem b'vuċi waħda. Il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tipparteċipa fin-negozjati tal-Kummissjoni għat-Talbiet, u fl-aħħar mill-aħħar fil-Kummissjoni għat-Talbiet innifisha ladarba tiġi stabbilita, hija għalhekk il-kontinwazzjoni naturali u l-iżvilupp tal-istatus quo eżistenti.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (ex post)

Billi tipparteċipa fl-istabbiliment tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet, l-UE tikkontribwixxi biex tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġġorr il-konsegwenzi legali tal-atti ħżiena tagħha u li, f'tali sforz, l-UE tkun tista' titkellem b'vuċi waħda. Kull meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tiżgura koordinazzjoni ma' u fost l-Istati Membri fil-fażijiet differenti tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kummissjoni għat-Talbiet, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti ta' dan il-korp il-ġdid.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

It-tagħlimiet ewlenin li ttieħdu fil-passat jirriżultaw minn strumenti simili preċedenti. Il-Kummissjoni ta' Kumpens tan-NU (UN Compensation Commission, UNCC) hija l-aktar preċedent rilevanti, li jista' jagħti xi għarfien dwar it-tfassil u l-ispejjeż tal-Kummissjoni għat-Talbiet għall-Ukrajna. Din eżistiet għal 31 sena (mill-1991 sal-2022) iżda l-attivitajiet ta' aġġudikazzjoni tagħha damu 12-il sena. Minħabba x-xogħol bażiku li diġà sar mir-Reġistru u l-iżviluppi teknoloġiċi f'dawn l-aħħar deċennji, il-Kummissjoni għat-Talbiet jista' jkollha tul ta' ħajja iqsar mill-UNCC, attwalment stmat għal 10 snin. Madankollu, l-Unjoni ma pparteċipatx fl-UNCC.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-appoġġ sod tal-Unjoni għall-Ukrajna jirrifletti impenn kondiviż għall-prinċipji demokratiċi u għas-salvagwardja tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-paċi fl-Ewropa. Għalhekk, din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Ukrajna u jissalvagwardjaw l-ordni internazzjonali u l-paċi fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni attwali tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-għanijiet ta' din il-proposta huma appoġġati mir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna. L-Artikolu 34(3) ta' dan tal-aħħar jipprevedi li l-assistenza taħt il-Pilastru III tal-Faċilità għall-Ukrajna "għandha ssaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u tindirizza l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tfittxija tal-verità, ir-riabilitazzjoni komprensiva wara kunflitt għal soċjetà inklużiva u paċifika, kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra. Il-finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna jista' jiġi pprovdut skont dan il-Kapitolu".

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Ir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna jipprevedi l-bażi legali għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet sal-2027. Abbażi tal-għanijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/792, u b'mod partikolari taħt il-Kapitolu V, l-Artikolu 34(3) tal-imsemmi Regolament jipprevedi li "L-assistenza skont dan il-Kapitolu għandha ssaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u tindirizza l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tfittxija tal-verità, ir-riabilitazzjoni komprensiva wara kunflitt għal soċjetà inklużiva u paċifika, kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra. Il-finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna jista' jiġi pprovdut skont dan il-Kapitolu". Għalhekk, peress li l-istrument li jistabbilixxi l-Kummissjoni għat-Talbiet għandu l-għan li jinforza l-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna billi jikkontribwixxi għal mekkaniżmu li ser jikkumpensa d-danni mġarrba mill-Ukrajna u mill-popolazzjoni tagħha u kkawżati mill-ksur tad-dritt internazzjonali mill-Federazzjoni Russa, l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 2024/792 jipprevedi l-bażi legali xierqa biex l-Unjoni tipprovdi l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha lill-Kummissjoni għat-Talbiet sal-2027. Il-linja baġitarja li tkopri din in-nefqa tkun il-linja 16 06 03 01 — Assistenza għall-adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra, fejn fir-rimarki baġitarji relattivi huwa spjegat li din il-partita "ser tkopri wkoll l-appoġġ għal […] miżuri oħra li huma komplementari għall-azzjoni tal-UE, bħall-mekkaniżmi ta' responsabbiltà għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja". Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għar-Reġistru tad-Danni hija koperta wkoll mill-Faċilità għall-Ukrajna.

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

✠ **durata limitata**

— ✠ fis-seħħ mill-2025 sal-2035 [2]

— ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

— Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

— segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu(i) tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)** [3]

✠ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni [4]

— ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

— ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

(2) It-tul ta' ħajja tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet bħalissa huwa stmat għal 10 sena.

(3) Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/funding-management-mode_mt.

(4) Din il-kontribuzzjoni ser issir permezz tal-ħlas ta' miżata tas-sħubija skont l-Artikolu 245 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj. Dan huwa strument taħt ġestjoni diretta.

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta’ implimentazzjoni baġitarja lil:

— ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

— ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati) ([5])

— ☐ il-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

— ☐ korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

— ☐ korpi tad-dritt pubbliku

— ☐ korpi rregolati mid-dritt privat b’missjoni ta’ servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

— ☐ korpi rregolati mid-dritt privat ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

— ☐ korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

— ☐ korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta’ Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f’konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta’ fondi tal-Unjoni jew ta’ garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b’missjoni ta’ servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b’garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta’ responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b’garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

| |
|---|
| Fir-rigward tal-arranġamenti ta’ rapportar, il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fin-negozjati dwar l-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Talbiet għandha titwettaq f’konsultazzjoni ma’ kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-kumitat speċjali dwar il-passi meħuda skont din id-Deċiżjoni u tikkonsultah fuq bażi regolari. Meta tintalab hekk mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lura lilu dwar it-tmexxija u l-eżitu tan-negozjati, inkluż bil-miktub. |

### 2.2. Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta’ pagament u tal-istrateġija ta’ kontroll proposta*

| |
|---|
| Fir-rigward tal-metodu ta’ implimentazzjoni, l-Artikolu 245 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li jippermetti lill-Unjoni tħallas tariffi tas-sħubija lil korpi li l-Unjoni hija membru tagħhom, huwa applikabbli għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Kummissjoni għat-Talbiet. |

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta’ kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| F’dan l-istadju ma ġie identifikat l-ebda riskju speċifiku. |

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| Skont il-gwida tas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni, il-kost tal-kontrolli fil-livell tal-Kummissjoni huwa vvalutat mill-kost tal-istadji differenti ta’ kontroll. Il-valutazzjoni ġenerali għal kull mod ta’ ġestjoni tinkiseb mill-proporzjon bejn dawk il-kostijiet kollha u l-ammont totali mħallas fis-sena għall-mod ta’ ġestjoni relatat. |

([5]) Huwa mistenni li l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet innifisha ser tieħu ħsieb il-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit.

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

| |
|---|
| Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. |

3. **IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. **Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

— Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff (7). | mill-pajjiżi tal-EFTA (8) | mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali (9) | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| 0 | 16 06 03 01 | Diff. | LE | LE | LE | LE |

3.2. **Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

— ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet operazzjonali

— ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

(7) Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
(8) EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
(9) Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2.1.1. *Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

*miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 0 | Nefqa lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali |
|---|---|---|

| DĠ: Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għar-Tkabbir | | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| 16 06 03 01 — assistenza għall-adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra | Impenji | (1a) | 0,000 | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,000 | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi [10] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** Politika Ewropea tal-Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **0,000** | **3,000** | **3,000** | 6,000 |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **3,000** | **3,000** | **6,000** [11] |

| | | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 0** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | 0,000 | 3,000 | 3,000 | **6,000** |

(10) Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.
(11) Il-kontribuzzjoni annwali stmata tal-UE x'aktarx tvarja bejn EUR 2 miljun u EUR 3 miljun.

3.2.2. *Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

*Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| **Indika l-għanijiet u l-outputs** | | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip ([12]) | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ([13])… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| — Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| — Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| — Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 … | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| — Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

([12]) Outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
([13]) Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi"

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

— ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

— ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. *Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL GĦALL-PERJODU 2021 - 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

3.2.4. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

— ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

— ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. *Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)* ([14])

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 |
|---|---|---|---|---|
| — **Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| — **Persunal estern (f'FTEs)** | | | | |
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | 0 | 0 | 0 | 0 |

([14]) Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)* ([15])

| **APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI** | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] | — fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | — fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **0** | **0** | **0** | **0** |

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

| | **Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni** | **Persunal addizzjonali eċċezzjonali*** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka** | **Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA** | **Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi** |
| Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal | | | M/A | |
| Persunal estern (CA, SNEs, INT) | | | | |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa fuq l-IT (korporattiva) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

([15]) Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

| TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021 - 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

— ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Ir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna jipprevedi l-bażi legali għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet sal-2027. Abbażi tal-għanijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/792, u b'mod partikolari taħt il-Kapitolu V, l-Artikolu 34(3) tal-imsemmi Regolament jipprevedi li "L-assistenza skont dan il-Kapitolu għandha ssaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u tindirizza l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tfittxija tal-verità, ir-riabilitazzjoni komprensiva wara kunflitt għal soċjetà inklużiva u paċifika, kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra. Il-finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna jista' jiġi pprovdut skont dan il-Kapitolu". Għalhekk, peress li l-istrument li jistabbilixxi l-Kummissjoni għat-Talbiet għandu l-għan li jinforza l-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna billi jikkontribwixxi għal mekkaniżmu li ser jikkumpensa d-danni mġarrba mill-Ukrajna u mill-popolazzjoni tagħha u kkawżati mill-ksur tad-dritt internazzjonali mill-Federazzjoni Russa, l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 2024/792 jipprevedi l-bażi legali xierqa biex l-Unjoni tipprovdi l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha lill-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet sal-2027.

— ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP

— ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

— ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

— ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

— ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

— ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

Mhux applikabbli.

## 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Mhux applikabbli.

4.2. **Data**

| |
|---|
| Mhux applikabbli. |

4.3. **Soluzzjonijiet diġitali**

| |
|---|
| Mhux applikabbli. |

4.4. ***Valutazzjoni tal-interoperabbiltà***

| |
|---|
| Mhux applikabbli. |

4.5. **Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali**

| |
|---|
| Mhux applikabbli. |